**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikoli 214, 215 u 216 tal-Kapitolu 9**
**tal-Ligijiet ta' Malta**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D.**

**Kump. Nru: 143/15**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Hubert Cini)**

**vs**

**JESMOND MICALLEF**
**(ID: 185585M)**

**Illum, 22 ta' Frar 2018**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JESMOND MICALLEF,** detentur tal-karta tal-identita` numru 185585M gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Fit-tnax (12) ta' Mejju, 2014 gewwa Ras Hanzir, limiti ta' Paola, Malta ghall-habta ta' 07.55a.m, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'perikolu car ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Carmel Tabone, ta' natura gravi jew igibilha disordni f'mohha.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tohrog Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' Carmel Tabone ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal- ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar is-sitta (6) ta' Frar, 2015 [fol 11] sabiex il-kawza tigi trattata b'mod sommarju, certifikat tat-twelid, fedina penali, stqarrija, dikjarazzjoni tar-rifjut ghall-assistenza legali u okkorrenza.

Rat illi l-imputat iddikjara waqt l-ezami li sarlu nhar is-17 ta' Novembru 2015 li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja minn din il-Qorti.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Nhar is-17 ta' Novembru 2015 xehed **PC 1554 Noel Decesare** u dan stqarr li kien ghall-habta tat-tmienja nieqes hamsa ta' fil-ghodu (07.55a.m.) ta' nhar it-12 ta' Mejju 2014 meta ircevew telefonata li f'Laboratory Wharf kien hemm argument. Huwa mar fuq il-post u sab lil Carmel Tabone fejn dan qallu li kellu argument ma' Jesmond Micallef. Tabone qallu li Micallef kien b'xi trailer hiereg 'l barra mill-gate tal-Laboratory wharf u kellu xi karti tad-Dwana neqsin u gibidlu l-attenzjoni dwar dan u appena qallu hekk, dan Tabone beda ikellmu hazin. Nizel mit-trakk u qal li anke xejjirlu daqqa go nofs wiccu.

Mistoqsi jekk rax xi haga f'wicc Tabone wiegeb fin-negattiv minkejja li dan qallu li l-incident kien sehh ftit qabel. Jghid pero' li Tabone qallu li kellu xi sinna miksura. Huwa baghtu il-polyclinic sabiex igib certifikat mediku. Jghid li dan mar il-Mosta polyclinic u gablu certifikat mediku fejn gew deskritti l-feriti li kellu.

Illi nhar it-12 ta' April, 2016 xehdet l-**Ispettur Justine Grech** u din spjegat illi nhar it-12 ta' Mejju, 2014 meta kienet stazzjonata l-ghassa tal-pulizija ta' Rahal Gdid ghall-habta tat-tmienja nieqes hamsa (07.55a.m.) kienet irceviet telefonata u ikkonfermat dak li qal PC 1554 Noel Decesare dwar il-kontenut tat-telefonata. Qalet li Carmel Tabone kien tkellem mal-imputat u qallu sabiex icaqlaq it-trailer minn fejn kien hdejn il-gate sabiex ma jzommx traffiku pero' l-imputat hebb ghalih u tajjarlu sinna. Qalet li hija marret fuq il-post u tkellmet ma' Carmel Tabone. Mistoqsija jekk tkellmitx mal-imputat wiegbet fin-negattiv. Qalet li kienet baghtet l-parte civile il-polyclinic u dan gabilha certifikat mediku li kellu griehi ta' natura gravi. Taf li kien kellmu l-Ispettur Hubert Cini. Qalet li hija kitbet l-okkorrenza li tinsab fl-atti a fol. 8 et seq.

Ikkonfermat li meta marret fuq il-post l-incident kien gja sehh u kollox kien kalm. Pero' fuq il-post kien hemm biss il-kwerelant waqt li l-imputat kein gja telaq minn fuq il-post.

L-Ispettur Hubert Cini xehed fl-istess jum tat-12 ta' April 2016 u kkonferma dak li stqarret l-Ispettur Justine Grech. Zied jghid pero' li l-griehi tal-kwerelant kienu jikkonsistu f'sinna miksura liema sinna kienet fuq quddiem fuq in-naha tax-xellug u Dr Camilleri kklasifika dawn il-griehi bhal li kienu ta' natura gravi.

Qal li huwa investiga l-imputat wara li kien tah is-solita twissija u d-dritt li ikellem l-avukat tax-xjelta tieghu. Jghid li in effetti l-imputat irrilaxja stqarrija li tinsab esebita fl-atti a fol. 5 et seq.

Qal li l-imputat innega li ta daqqa ta' ponn lill-kwerelant u qal li ma kienx jaf kif in effetti l-kwerelant kien wegga' u kompla jinsisti li ma kellux xi jghid mal-kwerelant. Huwa gharaf l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat.

**Dr Samantha Camilleri** xehdet nhar l-14 ta' Gunju 2016 (fol. 35) u kkonfermat li hija tahdem bhala tabib gewwa ic-Centru tas-Sahha tal-Mosta. Ikkonfermat li nhar it-12 ta' April 2014 kienet nvistat lil Carmel Tabone u kienet harget certifikat mediku fejn stqarret li kienet sabet li l-kwerelant kellu barxa fuq in-naha ta' wara ta' gewnah tal-ispalla l-leminija u ksur tal-parti t'isfel tas-sinna x-xellugija ta' quddiem. Murija c-certifikat mediku esebit fl-atti, hija kkonfermat li dan gie mahrug minnha wara li kienet ezaminat lill-kwerelant fic-Centru tas-Sahha il-Mosta. Hija kklassifikat dawn il-griehi bhala gravi u ma tafx ma xhiex huma kompatibbli jew kif gew kagunati.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta permezz ta' digriet mahrug mill-Prim'Imhallef nhar is-26 ta' Ottubru 2018.

Rat illi l-kwerelant **Carmel Tabone** xehed quddiem din il-Qorti kif preseduta nhar it-30 ta' Jannar 2018 u kkonferma li l-incident kien ilu li sehh u qal li xtaq iwaqqa' l-proceduri li kienu gew inzijati fuq rapport tieghu. Qal li minn dakinhar 'l hawn huwa kien irranga s-sitwazzjoni tieghu mal-imputat u kien qed jahfirlu. Ikkonferma pero' li nhar it-12 ta' April 2014 waqt li huwa kien qed jahdem bhala security f'Laboratory Wharf, huwa kien waqqaf lill-imputat meta kien qed isuq trailer. Qal li ma halliehx johrog mill-gate ghaliex kellu xi dokumenti neqsin u talbu ghalhekk sabiex ma jimblokkax il-passagg u kien dak il-hin li l-imputat hareg mill-karozza u tah daqqa ta' ponn u tghajjar idu u laqatlu s-sinna ta' quddiem u kissirlu bicca minnha. Ikkonferma li kien mar il-polyclinic tal-Mosta u gabar certifikat mediku dwar il-griehi li kien sofra.

L-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri kif kellu kull dritt jaghmel pero' irrilaxja stqarrija a tempo vergine tal-investigazzjoni. Hawnhekk huwa jghid li jaf lill-kwerelant di vista ghax jahdem bhala security fejn huwa jghabbi ix-xoghol. Qal li mhux minnu dak li gie allegat lilu li huwa hebb ghal Tabone meta dan ma hallihx johrog mill-gate ghaliex kellu xi dokumenti neqsin. Anzi jghid li kien il-kwerlant li hebb ghalih. Tant li qal li kien hemm minn zammu, kemm tad-Dwana kif ukoll tas-Security. Qal li mhux minnu li tajjarlu sinna izda li kienet gja mtajra. Mistoqsi jekk jafx ghaliex il-kwerelant kien cempel lill-pulizija jekk huwa ma kienx messu jghid li ma jafx. Mistoqsi min kienu n-nies li raw lill-kwerelant ihebb ghalih jghid li ma jafx x'jisimhom pero' jarhom kuljum u ghalhekk seta' itih l-ismijiet taghhom 'l quddiem.

Jghid l l-incident inqala' meta huwa kien qed jitkellem ma' tad-Dwana fuq xi karti jew status tal-Ewropa u l-kwerelant hareg ghalih minn wara l-bank u kien hemm tlieta minn nies li bdew izommuh. Qal li kien il-kwerelant illi kien tah xi daqqa u fl-ebda hin ma huwa ta daqqa lill-kwerelant.

Semghet lill-Ispettur u l-avukat difensur jirrimettu ruhu ghall-atti u talbu lil Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

**Ikkunsidrat:**

Huwa minnu li fl-**Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9,** ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibilita'. Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha tqis provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputat u l-allegat reat. Dan

qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' hu veru wkoll li provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-gudikant jaccerta ruhu li huma univoci.

Fil-fatt il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax (15) ta' Gunju, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '***Il-Pulizija vs Joseph Lee Borg***', fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe' mhux ambigwi. Ghandhom ikunu ndizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu imressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Illi ghalhekk huwa importanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu. Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil**',

"*Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova talvolta hija tali li ipprova fatt bi precizjoni matematika.*"

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice** (1997 edition para 10-3) b'referenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kaz **Teper vs R** (1952) jghid:

"*Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another... It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference.*"

Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha ta' Jannar, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Emanuel Seisun**'.

Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni.

Il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet ta' dak li gara fis-sieghat bikrin ta' filghodu tal-jum tat-12 ta' April 2014 gewwa Laboratory Wharf; dik proposta mill-kwerelanti Carmel Tabone li jghid li waqt li kien mal-gate ta' Laboratory Wharf jahdem bhala security guard u jara li d-dokumenti ta' min ikun qed johrog bix-xoghol mill-gate ikollu id-dokumenti tajbin, gie assaltat mill-imputat u bhala rizultat sofra griehi ta' natura gravi. U l-verzjoni moghtija mill-imputat a tempo vergine tal-investigazzjoni u cioe' li kien hu li sofra aggressjoni minghand il-kwerelant ghaliex ma halliehx jghaddi mill-

gate. Bid-differenza li l-imputat jghid li dan l-incident sehh quddiem numru ta' nies waqt li l-kwerelant ma jsemmi hadd iktar li kien prezenti.

Ghalhekk m'hemmx dubju li l-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet dijametrikament opposti ghal xulxin ghalkemm jinghad sa minn dan l-istadju bikri tas-sentenza li l-kwerelant, li mitkellem a tempo vergine tal-investigazzjoni, baqa' konsistenti fil-verzjoni tal-fatti tieghu sa meta xehed l-Qorti viva voce minn jeddu sentejn wara l-incident salv li meta xehed stqarr li kien qed jahfer lill-imputat ghall-agir tieghu u li xtaq li l-proceduri jieqfu hawn.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala gudikant il-Qorti ghandha tqis l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hix kostanti u ta' fatturi ohra tax-xhieda tieghu u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-**Artikolu 637 tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fil-kaz in desamina l-prosekuzzjoni ressqet lill-allegat vittma, li ghalkemm stqarr li xtaq li l-kaz jieqaf hawn, spjega kif sehh l-incident. Qal li huwa jahdem bhala security f'Laboratory Wharf u xoghlu kien li jara li min ikun qed johrog mill-gate ikollu d-dokumentazzjoni tajba. Qal li l-imputat kien wasal hdejn il-gate bi trailer u ma kellux tali dokumentazzjoni u ghalhekk kien waqfu u talbu sabiex jirriversja u jhalli l-vetturi l-ohra jghaddu, pero' hu ma setax jghaddi u johrog 'l barra qabel ma jgib id-dokumenti tajbin. Il-kwerelant spjega li kien f'dak il-mument li l-imputat hareg mit-trailer, xejjer idejh u tah daqqa ta' ponn f'wiccu tant li kissirlu sinna minn ta' quddiem. Din is-sinna baqghet hekk miksura tant li uriha lill-Qorti sentejn wara l-akkadut. Spjega li l-pulizija talbitu jmur fic-Centru tas-Sahha u hekk ghamel tant li anke ghamel referenza ghac-certifikat mediku

esebit fl-atti rilaxxjat minn Dr Samantha Camilleri. Jirrizulta wkoll li dan ic-certifikat mediku gie konfermat mill-istess Dr Samantha Camilleri.

L-imputat minn naha tieghu ghazel li ma jixhidx pero' kien irrilaxxja stqarrija a tempo vergine tal-investigazzjoni. Hemmhekk huwa jichad li aggredixxa lill-kwerelant anzi jghid li kien il-kwerelant li agredixxa lilu. Jirrizulta pero' li l-imputat qal li kien hemm nies ohrajn li raw l-incident u li kien lest li jghaddi l-ismijiet lill-pulizija pero' dan ma sehhx. L-imputat ma ressaq lil hadd sabiex jikkonferma t-tezi tieghu minkejja li jghid li kien hemm minn ra dan l-incident isehh.

In oltre meta l-imputat gie mistoqsi kif in effetti l-kwerelent spicca midrub jghid li ma jafx. Jghid pero' li huwa kellu xi agressjoni pero' ma hassx il-htieg li jmur ghand tabib.

Jirrizulta wkoll li meta l-pulizja marret fuq il-post tal-incident, l-imputat ma kienx hemm izda kien hemm biss il-kwerelant li qallhom dak li kien sehh. Jirrizulta li l-imputat lanqas ma mar jaghmel rapport talli allegatament gie aggredit u r-rapport dwar dan l-incident sehh minn Carmel Tabone.

Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti thoss li l-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-kwerelant hija aktar veritiera u ghandha aktar mis-sewwa u ghalhekk ser tigi abbraccjata.

Dwar in-natura tal-feriti jirrizulta bic-car li dawk kagunati mill-imputat kienu ta' natura gravi kif deskritti mit-tabib u kkonfermati minnha.

Dwar il-piena l-Qorti rat l-fedina penali tal-imputat esebita fl-atti a fol 4 u minn ezami tal-istess jirrizulta li huwa ghandu registrat fuqha kontravvenzjoni wahda li sehhet fis-sena 2005 li tikkoncerna ksur tal-

ordinanza tat-traffiku fejn kien inghata ammonizzjoni. Ghalhekk ghandu jitqies bhala *a first time offender*.

Rat ukoll l-fatt li l-kwerelant xtaq jahfer lill-imputat ta' ghemilu u li llum il-gurnata rega' hemm relazzjoni ta' hbiberija bejn il-kontendenti.

Ghaldaqstant f'dawn ic-cirkostanzi ma thossx li l-piena idonea hija dik ta' prigunerija.

**Ghalhekk din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikoli 214, 215, u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed issib lill-imputat JESMOND MICALLEF hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta' tlett snin mil-lum ai temini tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tohrog Ordni ta' Protezzjoni, din il Qorti tiddikjara li una volta l-kwerelant xtaq jahfer lill-imputat ta' ghemilu u li llum hemm relazzjoni ta' hbiberija bejniethom, ma hemmx lok ghal tali Ordni u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' tali talba.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**